# Ġarġir mal-Ħerża

*Marjanu Vella*

Sephora Borg u Leanne Ellul
Skola St Dorothy's, Ħaż-Żebbuġ
Preżentazzjoni tal-grupp "Deċiżi"



*<u>Introduzzjoni</u>: Ser tintwera din l-istampa li minnha se tinħoloq diskussjoni*

Sephora Borg – Leanne Ellul

# Definizzjonijiet

- **ġarġir** xitla li tagħmel il-ward żgħir abjad fix-xitwa u anke fir-rebbiegħa
- **ħerża** ġebla tonda u ċatta li tagħlaq il-bokka tal-bir
- **żir** bomblu / ġarra
- **għatu** xi ħaġa li tgħatti biha
- **satal** barmil
- **lewn** kulur
- **irmied** trab griż fin li jibqa' meta jinħaraq xi ħaġa
- **ċaflis** għadajjar
- **dawramejt** tidwira

Sephora Borg – Leanne Ellul

Nibża' xħin nersaq nimla

Bil-kelma *"Nibża'" qed jagħmel stqarrija tad-dgħufija tiegħu.*

Żir ilma minn ġol-bir,

Metafora: il-*"bir"* qiegħed jissimbolizza lilu nnifsu, lill-poeta nnifsu u l-profondità tiegħu.

Qalbi titmewwet f'sidri,

Metafora: tesprimi d-dwejjaq li għandu l-poeta.

Kull ħsieb ta' sliem itir.

Malli l-poeta jibda jipprova jfittex lilu nnifsu ġewwa fih, hu jħossu mdejjaq għax mhuwiex trankwill.

INNOTA: Ħafna emozzjonijiet qawwija u mħallta; kollha negattivi.

Sephora Borg – Leanne Ellul

Il-ħerża qed titmermer

Hemm l-effett tat-telqa u tal-abbandun. Il-ħerża qiegħda tipproteġi l-bir. Il-biża' li hu għandu minn dak li hemm ġewwa fih, qed jiġi rifless fuq barra wkoll.

U l-fdal tal-ġebel swied,

Metafora: il-poeta qiegħed iħoss li mhux qiegħed fi stat tajjeb. Dak kollu li hemm ġo fih qiegħed jarah b'mod negattiv. Għalhekk il-ġebel iswed jista' qiegħed jissimbolizza l-esperjenzi koroh.
Infatti ġebla sewda mhijiex ġebla tajba.

Tilef it-tond ta' surtu

Is-satal, lewn l-irmied.

Metafora: ġewwa fih qed jara kollox minn perspettiva ħażina u negattiva.

- Issir enfasi fuq il-kulur iswed

INNOTA: Kollox qed jikkontribwixxi għad-dwejjaq u għan-niket. Donnu hemm telfa doppja 1. ġebel > 2. fdal > 3. il-fdal tilef surtu wkoll.

Sephora Borg – Leanne Ellul

Ixxaqqaq l-għatu mkittef

il-kelma "*mkittef*" qed turi l-iskumdità tal-poeta biex isib lilu nnifsu. Il-fatt li ma jafx min hu ma jistax ikun komdu. Il-verb *"ixxaqqaq"* qed jindika li sabiex il-poeta jinżel fil-profondità tiegħu bilfors irid ikisser il-ġewwieni tiegħu (*"l-għatu"*)

Miżbugħ bi ftit tiċliq:

U fiċ-ċaflis nistenna

"ċaflis" = onomatopea.

= metafora – permezz tal-kelma "ċaflis" qiegħed jirreferi għall-affarijiet ħżiena li hu ma jridhomx. Aspett ta' ġo fih li hu għadu qatt ma ltaqa' magħhom u qed jimmaġina li huma aspetti negattivi.

Xi ħadd jikser xi sieq.

Metafora: il-poeta qiegħed jibża' li ħa jweġġa' aktar milli qiegħed iweġġa'. Infatti l-mument li jibda jsib lilu nnifsu jibda jibża'.

* * * (Volta)

INNOTA: Din l-istrofa li turi effett kbir ta' telqa.

Sephora Borg – Leanne Ellul

## * * * (Volta)

- Din il-volta ħa turi l-bidla li ħa sseħħ fil-poeta.
- Din il-volta turi li sabiex saret din il-bidla (kiber il-ġarġir) għadda ż-żmien u kien hemm proċess sħiħ, madankollu l-poeta ma ndunax b'dak li kien qiegħed jiġri madwaru u għalih din il-bidla kienet ħasda.

# L-ewwel tliet strofi

- imtarrġa; aktar ma jinżel fil-ġewwieni tiegħu, aktar qiegħed jiżdied il-biża'. L-istrofi mtarrġa qegħdin jissimbolizzaw il-ġewwieni tal-poeta… il-poeta li niżel fih innifsu biex ifittex hu min hu.
- jagħtu xena partikolari; imdallma, sewda
- l-istil u l-kontenut qed jikkumplimentaw lil xulxin



*"dalgħodu kmieni"* = jimplika jum ġdid u ħajja ġdida.

# Għaġeb tal-għeġ'bijiet, dalgħodu kmieni

*"għaġeb tal-għeġubijiet"* = il-poeta qiegħed jistagħġeb b'dak li qed jara. Dan ma jidhirx biss mit-ton u mil-lessiku, imma wkoll mill-punt esklamattiv. Il-poeta qiegħed juri kif iħossu b'dan il-miraklu li sar.

# Xħin mort maġenb il-bir,

# Nara madwar il-ħerża

# Qed jikber il-ġarġir!

Il-fatt li qed jikber il-*"ġarġir"* juri element ta' ħajja, ta' xi ħaġa ġdida. Għall-kuntrarju ta' qabel, il-poeta qed jistagħġeb bil-pożittività. Hu sorpriż għax sab xi ħaġa ġewwa fih. Il-*"ġarġir"* qiegħed jissimbolizza l-ferħ, għax issa ladarba kiber il-ġarġir, il-problema li kellu ssoloviet. Il-ġarġir hu l-forza li biha jsib lilu nnifsu.

INNOTA: Qabel ma ra beża'; issa qed jara u qed jistagħġeb.
: Effett ta' tama – għax mhux ħa jibqa' kollox mitluq.

Sephora Borg – Leanne Ellul

*"ġebla mielħa"* = ladarba l-ġebla tkun mielħa, din ma tkunx tajba u għalhekk se jiksiha bil-*"ġarġir"*.

U kesa dawramejt il-ġebla mielħa

Metafora = il-fatt li issa sab lilu nnifsu, se jiksi lilu nnifsu b'affarijiet pożittivi (bil-ġarġir).

B'lewn aħdar il-ġarġir,

Il-bjuda tal-fjura qed tirrappreżenta l-purità tal-poeta u l-pożittività li qiegħed iħoss.

U l-fjura bajda tefgħet riħa taħraq

Titnikker fuq il-bir.

Personifikazzjoni: il-bniedem hu dak li jitnikker. Il-fatt li issa sab lilu nnifsu hu aktar trankwill u ma jixtieqx li dan il-mument jispiċċa. Effett ta' kalma. Fl-ewwel parti, Vella kien qiegħed ifittex it-trankwillità li ma kellux.

Sephora Borg – Leanne Ellul

# Issa l-ħerża ħadet bixra

Ta' ma-nafx-hux-sħarijiet,

Joħloq effett ta' misteru. Jidħol l-element tas-surreali u tal-maġija għax ma jistax jispjega dak li qiegħed jara quddiemu.

Naf li llum niżżilt is-satal

Metafora: llum reġa' beda jħares lejn il-profondità ta' ġo fih.

Tellajt ġmiel ta' ilmijiet.

Metafora = l-ilma li qiegħed jissimbolizza l-ħajja mimlija ferħ, għax issa sab lilu nnifsu.

INNOTA: il-kelma issa taqbad fiha volta; tidwira fil-ħsieb, ton...
Permezz ta' din l-istrofa l-kuntrast mal-ewwel tliet strofi jinħass ħafna iktar.

Ma nibżax xħin nersaq waħdi

ħdejn il-bir,

Il-kliem *"Ma nibżax"* joħloq kuntrast mal-kliem tal-ewwel strofa *"Nibża'"*. Qabel hu kien jibża' għax ma kienx trankwill peress li kien għadu qiegħed ifittex lilu nnifsu, imma ladarba sab lilu nnifsu straħ.

Jibqa' l-ħsieb tas-sliem ġo moħħi

Bla ma jtir.

INNOTA: Din l-istrofa toħloq kuntrast mal-ewwel waħda…. is-sens ta' biża' li kien iħoss malli kien jersaq lejn il-bir, issa nbidel f'sens ta' paċi u mistireħ.

Sephora Borg – Leanne Ellul

Jonqos biss li nagħmel għatu
Fuq it-tond ta’ ftuħ il-bir,
Biex inħalli s-satal fuqu
Meta nkun imlejt iż-żir.

INNOTA: Il-poeta donnu jixtieq jippreserva dak is-sabiħ u l-ferħ li qiegħed iħoss, issa li sab lilu nnifsu. Dan għax il-vjaġġ li għadda minnu biex isib lilu nnifsu ma kienx wieħed faċli, u ma jixtieqx jitlef dak kollu li kiseb.

## Għada tinżel qliel ta' xita

Metafora: il-poeta qiegħed jirreferi għall-barkiet minn Alla. Issa rnexxielu jsib l-ispiritwalità u l-barka minn Alla, għax sab lilu nnifsu u għalhekk qiegħed fil-preżenza t'Alla.

## Naħżnu l-ferħ tal-ilmijiet

Jixtieq jippreserva l-ferħ kollu li ġġib miegħu l-għaqda ma' Alla.

Metafora: l-ilmijiet qed jissimbolizzaw il-barkiet minn Alla.

Personifikazzjoni: l-ilmijiet li qed jiġu ppersonifikati biex iħallu effett ta' pożittività.

## Bejn dirgħajn il-bir, fid-dalma

## U fis-skiet.

Personifikazzjoni: il-poeta jrid jipproteġi l-ispiritwalità tiegħu u l-istat ta' trankwillità li sab fih innifsu. Dan irid jagħmlu biex żgur dan l-istat ma jitilfux.

L-użu tal-istat kostrutt qiegħed iħalli effett ta' possessività – il-poeta jrid iħaddan dak li sab.

INNOTA: Il-poeżija tispiċċa fuq nota pożittiva; ta' tama.

Sephora Borg – Leanne Ellul

# Xi osservazzjonijiet

- Poeżija li fiha ħafna emozzjonijiet… minn biża’ kbir jgħaddi għal ferħ u stagħġib.
- Il-ġarġir hu simbolu ta’ tama tant li qed iġiegħlu jħares lejn il-ħajja b’perspettiva differenti… b’perspettiva pożittiva.
- Il-bir jirrappreżenta lill-poeta nnifsu.
- Aspett temporali: passat, preżent, futur.
- Stqarrija intima lill-qarrej.

# Aspetti oħra

- Poeżija maqsuma fi tnejn, fejn qiegħed juri l-bidla tal-bir, minn dehra negattiva u abbandunat, għal dehra pożittiva u mimlija ġmiel naturali.
- L-ewwel parti tal-poeżija, tista' tirrappreżenta xi esperjenza negattiva li ġrat fil-ħajja tal-poeta, imbagħad it-tieni parti, tista' tirrappreżenta esperjenza pożittiva u sabiħa li ġratlu u li biddlitlu ħajtu u l-mod ta' kif iħares lejha. Qisu għal mument tilef il-gost li jgħix, imma malli beda japprezza l-affarijiet żgħar u sempliċi tal-ħajja, hu reġa' beda jgħix mill-ġdid.
- Interpretazzjoni oħra: l-ilma qiegħed jissimbolizza l-ispirazzjoni poetika tiegħu… f'waqtiet hu kien għaddej minn mumenti ħżiena u ma kellux ispirazzjoni u sabha diffiċli biex jikteb u jesprimi ruħu, imma mbagħad ġrat xi ħaġa f'ħajtu li bidlitu kompletament.

# Xi Kuntrasti

| L-ewwel parti | It-tieni parti |
|---|---|
| a. jibża' jersaq lejn il-bir | a. ma baqax jibża' jersaq lejn il-bir, imma meta jersaq lejh jimtela bil-paċi |
| b. ambjent mitluq | b. ambjent mimli ħajja |
| ċ. imdejjaq | ċ. ferħan |

# Il-Metrika

- **l-ewwel parti** *strofi kwartini* mtarrġin; *vers setternarju*; *rima mqabbża* ħlief għat-tieni strofa
  – in-nuqqas ta' rima jista' jkun qed juri s-sitwazzjoni kerha li hemm mal-bir?

- **it-tieni parti** *strofi kwartini* taħt xulxin (baqa' xi ħaġa minn ta' qabel, l-istess kif baqa' l-bir u l-ġarġir; imma issa s-sitwazzjoni hi stabbli u għalhekk il-kwartini huma taħt xulxin); *versi mħallta* (imma juża ħafna l-versi *settenarji* u *ottonarji*); *rima mqabbża* tul it-tieni parti kollha.

# L-Istil

- **ton u lessiku** negattiv fl-ewwel parti; pożittiv fit-tieni parti.
- **tradizzjonali** minkejja li Marjanu Vella, hu poeta moderna, hu jagħmel użu minn stil tradizzjonali. Hu jikteb b'versi regolari u kliem ta' nisel Għarbi.
- **poeżija riflessiva** qiegħed jirrifletti fuq ħajtu.
- **stil narrattiv** b'elementi deskrittivi qawwija.
- **atmosfera** negattiva/pożittiva, skont l-istrofa
- Jikteb **fl-ewwel persuna** għax qiegħed jippreżenta esperjenza personali. Għalhekk il-poeżija hi **awtobijografika.**

# It-Temi

- It-tama
- In-natura
- Iż-żmien
- Il-metamorfosi
- It-tiftix tar-ruħ

# Ħoloq utli

- http://schoolnet.gov.mt/history/F5/Kampanja/KaratteristiciFTesta.htm
- http://symbolismofwater.weebly.com/how-water-is-used-as-a-symbol-in-poetry.html